**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 233 / 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**Clayton Cremona**

Illum, 23 ta' Marzu. 2021.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Clayton Cremona iben Francis Xavier u Theresa nee' Attard imwieled Pieta' fit-28 ta' Awwissu 1985 u joqghod fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, detentur tal-karta tal-identita' b' numru 442185 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Fl-10 ta' Lulju 2010 ghall-habta tat-3pm u hinijiet wara gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin:-

Attakkajt jew ghamilt rezistenza bi vjolenza jew b' hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' CO25 Raymond Cutajar persuna inkarigata skont il-Ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi minn Awtorita' kompetenti.

U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ingurjajt, heddidt jew ghamilt offiza fuq il-persuna ta' CO25 Raymond Cutajar, CO150 Emanuel Cassar. ASCO Dennis Cassar, CO180 Mario Ellul u CO170 Stephen Camilleri persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fquhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

U aktar talli fl-istess cirkustanzi ghamilt offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' CO25 Raymond Cutajar skont kif iccertifika Dr A Tonna Reg 2416 mill-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

U aktar talli hebbejt ghal CO25 Raymond Cutajar sabiex tingurjah, iddejqu jew taghmillu hsara.

U aktar talli fl-istess cirkustanzi bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta' CO25 Raymond Cutajar wegghajtu bi kliem, b' gesti jew b' mod iehor.

U aktar talli fl-istess cirkustanzi imbottajt lill-imsemmi CO25 Raymond Cutajar sabiex twegghu jew tinsulentah.

Il-Qorti hi wkoll gentilment mitluba f' kaz ta' sejbien ta' htija, tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli b' hekk sirt recediv b' diversi sentenzi liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f' kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' CO25 Raymond Cutajar u tapplika l-provvedimenti tal-Art 383, 384 u 385 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 t' Ottubru, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 33 A, 49, 95, 221 (1), 339 (1) (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati tat-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif ukoll tal-addebitu tar-recediva u ikkundannatu ghal sitt (6) xhur prigunerija. Il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati tal-ewwel u s-sitt imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u minnhom illiberatu, filwaqt li astjenit milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Rat ir-rikors tal-appellanti Clayton Cremona minnu pprezentat fit-13 ta' Novembru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi: TIKKONFERMA is-sentenza appellata f' dik il-parti fejn ma sabitx lill-appellant hati tal-ewwel (1) u s-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u fejn astjenit milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames (5) imputazzjoni, filwaqt li THASSAR U TIRREVOKA s-sentenza appellata, f' dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni (2), t-tielet (3) u r-raba' imputazzjoni migjuba kontrih, bl-addebitu tar-recidiva, minflok u TIDDIKJARAH mhux hati taghhom, u konsegwentement TILLIBERAH minnhom; sussidjarjament TIRRIFORMA s-sentenza appellata inkwantu ghal piena inflitta, u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghal-kaz odjern;

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi, umilment jiġi sottomess li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti quddiemha *stante* li l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma setghu qatt legalment u ragonevolment iwasslu lil Ewwel Qorti ghall-konvinċiment morali. Illi dan qed jinghad in vista tal-fatt illi il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni ma waslux sal grad rikjest mill-liġi, u *cioe* dak ta' lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni senjatament anke peress li hemm kunflitt lampanti fil- verzjoni tal- fatti li gew sottomessi mix-xhiedha prodotti;

(2) Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il- piena erogata fil-konfront tal-appellant hija waħda eċċessiva;

**<u>L– apprezzament zbaljat tal- provi</u>**

Illi fis-Sentenza taghha, l- ewwel Qorti gharfet u rrimarkat li kien hemm zewg verzjoniet kunfliggenti tal- fatti kif graw dik inhar ta l-incident[1]:

1. "Min-naha l-ufficjali tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li b' mod konsistenti xehdu li kien hemm incident bejn prigunieri f' Divizjoni 13, b' wiehed mil-prigunieri kien l-imputat. Meta ppruvaw jistaqsu x' kien gara l-imputat kien aggressiv fit-ton tieghu lejhom, insulentahom, fi ftit kliem beda jisfidahom.

[1] Pulizija vs Clayton Cremona, 993/2010, 28 ta Ottubru 2020, Pg 12-13

Meta gie deciz li huwa kellu jittiehed fic-cella u jinqafel, huwa rribella, mar qabad mal-hadid u kellhom juzaw forza mínima biex jigi restrained. Meta ittiehed fic-cella l-atteggjament tieghu baqa' l-istess u sahansitra Hebb ghal CO25 Raymond Cutajar u darbu hafif. Kellu ghalhekk jigi mmanettjat u jittiehed f' Divizjoni 6.;

2. "Min-naha l-ohra l-imputat jsostni li huwa gie msawwat mil-ufficjali ghal xejn b' xejn."

Illi qabel xejn, irid jinghad li fil- kawza l**-<u>Pulizija vs Alfred Galea</u>** [2]**1156/2011, 7 ta' Frar, 2014**, il-Qorti qalet li:-

> *"Huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghall-liberatorja izda fil-kaz odjern din il-Qorti apparti li tinsab rinfaccjata b' zewg verzjonijiet kunfliggenti tal-moghtija mill-partijiet involuti fil-glieda ghandha l-unika xhud okulari li qed tikkorrobora pjenament il-verzjoni moghtija mill-imputat u ghalkemm jidrilha li l-verita' tal-fatti probabilment tinsab x' imkien fin-nofs…"*

Illi fil-kaz odjern l-ewwel Qorti tenniet li kienet;

> *"moralment konvinta li l-versjoni moghtija mil-ufficjali tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin tirrifletti dak li verament sehh, <u>mhux biss ghaliex ix-xhieda taw l-istess versjoni, izda anki l-griehi sofferti mil-imputat mhumiex kompatabbli ma' swat izda kompatibbli mal-versjoni moghtija mil-ufficjali</u>."*

Illi fl-umli fehma ta l-appellant l-ewwel Qorti kienet zbaljata li emmnet ix-xhieda li taw l- ufficjali tal- Facilita' Korrettiva ta' Kordin *in toto* u skartat ghal kollox ix- xhieda tax-xhud okulari Kevin Borg, anke fir-rigward tal-fatt illi anke l-appellant Clayton Cremona, sofra xi griehi.

[2] Rikors tal-Appell No.1156/2011, Deciz nhar is-7 ta' Frar, 2014

**<u>L- offiza fuq il- persuna ta CO25 Raymond Cutajar, CO150 Emanuel Cassar. ASCO Dennis Cassar, CO180 Mario Ellul u CO170 Stephen Camilleri</u>**

Illi preliminarjament jigi rivleat li mkien fil-provi ma jirrizulta li CO150 Emanuel Cassar, ASCO Dennis Cassar, CO180 Mario Ellul u CO170 Stephen Camilleri sofrew xi feriti dik inhar ta l-incident, ghalekk tali akkuza fil-konfront taghhom hija superfluwa.

Illi x-xhieda, rapprezentanti tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin qablu li l-appellant ghamel mossa fil-konfront ta' CO25 Raymond Cutajar, u dan wara li hames ufficjali kienu kaxxkruh u b' forza haduh goc-cella tieghu wara li l-appellant kien ggranfa ma poggaman.

Illi l- ufficjali tal-habs pero ma jaqblux bejtnithom kif fil-fatt CO25 Raymond Cutajar qala l-allegat daqqa. ASCO Dennis Cassar xehed hekk li <u>x' hin dar ra jdejn Clayton Cremona niezla lejn dahar CO 25.</u> CO 180 Mario Ellul ma xehed xejn dwar jekk rax lill imputat jerfa jdejh fuq CO25, CO25 Raymond Cutajar jghid testwalment hekk: *"X' hin kienu se johrogu [mic-cella] u malli x-xhud dar ezatt <u>hass daqqa fuq dahru ma jafx biex</u> u xi hadd qallu li kellu d-demm f' dahru."*, in kontro ezami qal li *"<u>jemmen li d-daqqa kienet b' xi haga tal-plastic li jieklu biha jew xi sikkina jew furketta</u>'* u dan minkejja l-fatt illi hadd mix-xhieda ma ddepona li ra xi haga f' idejn l-appellant.

CO 150 Emanuel Cassar: qal illi l-imputat kien vjolenti b' idejh, ghax <u>xejjer il-ponn u laqghat lil CO 25 Raymond Cuatajar go dahru</u>. Ssir referena wkoll ghad-depozizzjoni tat-tabib tal-habs Dr Joseph Tonna xehed li meta ezamina lill- CO25 Raymond Cutajar, kellu biss u sempliciment girfa fuq dahru, u meta mistoqsi jiftakarx li kellu l-qmis imcappsa bid-demm ma ftakarx izda li huwa zgur li ma nizziliex fir-rapport.

Illi jidher bic-car li l-istess gwardjani taw tlett verzjonijiet konfliggenti:

(i) Li CO25 Cutajar qala daqqa minn wara b' xi furketta jew sikkina tal-plastic

(ii) Li CO25 Cutajar qala daqqa ta' ponn meta Clayton Cremona beda jxejjer idejh

(iii) ma qala l-ebda daqqa dak il-hin

Illi l-appellant ma jeskludiex illi l-stess CO25 Raymond Cutajar, seta intlaqa jew ingiref tul il-kommosjoni, waqt li kienu pero mkien ma gie ippruvat li da parti tieghu kien hemm l-intenzjoni (*mens rea*) li jaghti xi daqqa jew jigref lil CO25, u li jekk din id-daqqa jew girfa tassew irrizultat, tant kienet hafifa li tabib Joseph Tonna lanqas jiftakar jekk il- qmis ta CO25 kienetx imcappsa bid-demm jew le.

Illi l-ewwel Qorti skartat ghal kollox ic-cirkostanzi kif l-allegat daqqa jew girfa grat, *cioe'* waqt jew wara li l-appellant kien kif ghadu kif gie imkaxkar minn hames gwardjani goc-cella tieghu b' mod goff tant li ASCO Dennis Cassar xehed li ' Hemmhekk **regghuh hatfuh**, middewh fuq is-sodda u mmanettjawh…' .

Illi x-xhud okulari Kevin Borg xehed li jiftakar li l-imputat kien immanetjat b' idu wara u kien hemm erba' jew hames jew sitt ufficjali. Bdew igorruh ghal goc-cella **u kien hemm minnhom bdew jaghtuh.** Jiftakar li wiehed minnhom kien CO 25 Raymond Cutajar**. Id-daqqiet kienu minn wara**. Huwa ma jafx ghalfejn l-imputat gie mmanetjat. **Huwa rahom jimbuttawh biex jimxi lejn ic-cella tieghu u bdew jaghtuh xi daqqiet u huwa ghamel rezistenza ghad-daqqiet**. **Huwa ra daqqiet bl-idejn, fuq id-dahar**. in kontro-ezami kkonferma li minn dakinhar l-imputat u huwa tkellmu fuq il-kaz. Mitlub isemmi lill-ufficjali min kienu qal li ma jiftakarhomx wiehed wiehed.

Illi Dr Joseph Tonna li ezamina lill-appellant xehed li Clayton Cremona tassew kellu feriti fuq dahru: "**Fuq il-lumbar area ta' dahru ossija n-naha ta' isfel kien hemm tlett tbengiliet tawwalin** u fuq l-irkoppa tal-lemin kellu area li kien mugugh. Il-feriti kienu ta' natura hafifa. Hafna mill-feriti huma relatti ma' xi hadd li qed jigi mizmum u l-feriti fl-ghonq u t-tbengil kien hemm erba' swaba pero' ma kienx hemm it-thumb li kien ikun ifisser li xi hadd qabdu minn ghonqu. Il-feriti l-ohra huma kollha tbengil li possibilment seta' gew ikkawzati ghax gie mizmum, jista' jkun li rrezista izda **ma setax jeskludi li xi hadd tah daqqa.**

Illi *di piu*, minkejja l-fatt li kull incident gewwa l- habs jigi rapurtat u investigat internament, u minkejja l-fatt li l-awtoritajiet tal-habs kienu konxji li dan l-incident gie

rrapurtat lil-Pulizija u li ghalhekk kien se tispicca l- Qorti, xorta wahda ma gewx prezentati *CCTV footages* biex tissonstanzja l-verzjoni tal-gwardjani. Minn naha tieghu. l-appellant hu tal-fehma li din ic- CCTV footage ma gietx prezentata intenzjonalment biex ma jigix zvelat l-uzu eccessiv tal-forza li l-istess hames gwardjani uzaw fil-konfront tieghu waqt li gie mkaxkar u msawwat minnhom sakemm jdahhluh fic-cella tieghu.

Illi mhux talli l-appellant Clayton Cremona ma kellux il-*mens rea* biex jaghti xi daqqa/ girfa lil CO25 Raymond Cutajar, talli hu stess tqieghed f' cirkostanza li kwazi kwazi kellu jiddefendi ruhhu minn hames gwardjani li bdew jimbuttawh u jaghtuh b' mod goff, u mhux semplici "restraining" kif ippruvaw jaghtu l-impressjoni l-gwardjani.

Illi fis-sentenza **Pulizija vs Marco Farrugia, Kevin Galea u Marcel Mizzi** [3](App. Krim. (inf) 284/2000 PV; 31.05.2001), il-Qorti tal-Appell tghallem li "*huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali, il-Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ukoll ghall- konkluzjoni li ... [l-imputati]..., intenzjonalment jew volontarjament ghamlu dak l-att materjali li wassal ghar-reat jew reati in kwistjoni*".

Illi f' dan ir-rigward l-appellant jirrileva illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tidhol f' dak li jikkostitwixxi r-responsabilita' kriminali. Il-kundizjonijiet generali ghar-responsabilita' kriminali huma ndikati b' mod preciz fil-maxim legali "*actus non facit reum nisi mens sit rea*". Ghalhekk att wahdu ma jistax jigi meqjus bhala att kolpevoli jekk tali att mhux akkompanjat b' mens rea. Fi kliem iehor hemm zewg kundizzjonijiet li ghandhom jigu sodisfatti qabel ma jista' jinghad li hemm responsabilita' kriminali u cioe' dak l-att materjali maghruf bhal l-actus reus u l-element formali u cioe' l-mens rea. L-att materjali huwa dak l-att maghmul minn individwu li jivvjola ddrittijet ta' terz. L-element formali huwa l-mens rea li ghandu jakkompanja dan l-att materjali, <u>u in vista ta dak kollu li gie spjegat hawn fuq, dan ma giex pruvat.</u>

[3] App. Krim. (inf) No. 284/2000 PV; Deciz nhar il-31 ta' Mejju, 2001

**It-theddid versu CO25 Raymond Cutajar**

Illi CO 180 Mario Ellul xehed li "X' hin dahluh [lil Clayon Cremona] fic-cella l-imputat qal lil CO25 li filghodu ghalih kien qieghed ighid" ; CO25 Raymond Cutajar xehed li "Sakemm qed ighidulu biex joqoghod kwiet u jaghlaq halqu, l-imputat baqa' ghaddej jidghi u qal id-diskors li qal filghodu li ' meta nohrog mill-habs noqtol lil xi hadd' u kien qed jirreferi ghax-xhud. Ix-xhud qal li ma jafx ghalfejn l-imputat qallu hekk ghax huwa qatt ma ghamillu xejn."; CO150 Emanuel Cassar xehed: "Ix-xhud qal li filghodu meta l-prigunieri kienu qed jinghataw il-methadone, l-imputat kien ghadda rimarki li kien hemm wiehed li ried joqtlu. Dak il-hin ma fehmux ghal min kien qieghed ighid. Pero' meta kien qieghed fic-cella l-imputat indirizza lil CO 25 u qallu li filghodu ghalih kien qieghed ighid."

Illi jidher bic-car li ghalkemm li filghodu l-appellant Clayton Cutajar uza l- kelma generika "*la nohrog mill-habs noqtol lil xi hadd*", CO25 Raymond Cutajar fehem li dak id-diskors kien indirizzat lejh. Mix-xhieda ta l-istess gwardjani, fl-ebda punt ma l-appellant Clayon Cutajar indirizza lil CO25 direttament fl-ewwel persuna, izda baqa juza it-terza persuna "lil xi hadd".

Illi fl-umli fehma tal-appellant, il-kliem "*meta nohrog mill-habs noqtol lil xi hadd*" **ma jinkwadrax fil- parametri tal-ligi** bhala theddida ghax fl-ewwel lok l-allegat perikolu ma kienx wiehed attwali jew imminenti, u dan ghaliex *suppost* kellu jsehh meta l-appellant johrog mill-habs, u fit-tieni lok tali diskors ma kienx instantanjeu tant li sar filghodu meta l-incident *de quo* sehh fit-3 ta wara nofsihar. Ghalekk fl-umli fehma ta l-appellant Clayton Cremona, l- ewwel Qorti kienet zbaljata ukoll meta sabet htija f' dan ir-rigward.

**Piena Inflitta:**

Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għal dak kollu suespost, l-appellant qiegħed jinterponi dan l-appell ukoll mill-piena erogata fil-konfront tiegħu mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi l-esponent umilment jirrileva illi l-piena mogħtija hija waħda eċċessiva. Illi fl-umli fehma tal-esponenti, tenut kont ic-cirkostanzi kollha ta'

dan il-kaz, il-piena mposta fuqu ma hijiex wahda ekwa u gusta ghal kaz odjern u b' hekk timmerita temperament. **Kenny** fil-ktieb tieghu ***Outlines of Criminal Law*** jghallem li:

> *"As regards the offence, account must be taken: (1) of the greatness or smallness of the evil likely to result from acts of its class; (2) of the facility and difficulty with which it can be committed or, again with which it can be detected; (3) of the frequency or rarity with which, at the particular time concerned, acts of this class are being committed; (4) of the aggravating or extenuating circumstances which accompanied this particular act… As regards the offender himself, account must be taken: (1) of his age, health and sex; (2) of his rank, education, career and disposition; (3) of his motive; (4) of any temptation, or intoxication under the influence thereof he acted; (5) of his susceptibility to punishment…"*

F' dan l-istadju l-appellant jaghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li **kienu recidivi,** wkoll inghataw opportunita ohra, permezz ta' piena ridotta. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Charlot Aquilina**[4]**,** il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F' dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi akkuzat bhal l-appellant kien recidiv, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni ta' Probation.

Fis-sentenza, **Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia**,[5], il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk: Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b' applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista' , jew li m' ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront

[4] Deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-7 ta' Novembru, 2008.
[5] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell nhar d-9 ta' Ottubru, 2008

taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F' dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad f' sentenza datata t-18 ta' Jannar 2001, fl-ismijiet **Il-Pulizija v. George Farrugia**[6]:

> *"Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f' dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l-Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.'*

Semghet lill-Avuakt difensur tirrimetti ruhha ghar-rikors tal-appell taghha u l-Avukat Generali jghamel l-istess.

Ikkunsidrat,

Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-

[6] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell nhar it-18 ta' Jannar 2001

Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il- Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : **Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[7] [12.5.94; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[8][14.2.1989]; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[9] [31.5.1991]; **Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[10] [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza **R. v. Cooper**[11] in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968 :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed.[12]"*

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[13], inghad illi :-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda*

[7] Deciza mill-Qorti tal-appelli Kriminali nhar it-12 ta Mejju 1994
[8] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar il-14 ta Frar 1989
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-31 ta Mejju 21991
[10] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-31 ta Mejju 21991
[11] ([1969] 1 QB 276)
[12] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392
[13] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru, 1994

*minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss

fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Issa mill-ezami akkurat u approfondit li ghamlet tal-provi din il-Qorti jirrizulta s-segwenti:-

L-**Ispettur Spiridione Zammit** xehed nhar t-22 ta' Novembru, 2010 u spjega li nhar l-10 ta' Lulju 2010 ghall-habta tal-4.15 ,CO 25 Raymond Cutajar li jahdem fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin kien irraporta l-ghassa tal-pulizija ta' Rahal Gdid li kien sofra xi feriti ta' natura hafifa meta intervjena f'incident li sehh gewwa il-konfini tal-habs. Dan spjegalu li ghall-habta tat-3.15p.m il-prigunier Clayton Cremona ma obdiex l-ordni moghtija lilu mill Maggur Dennis Cassar u anke irrifjuta li jittihed gewwa ic-cella tieghu. Iddikjara li Cremona kien vjolenti kif ukoll irresista l-ufficcjali bil-konsegwenza li dan Cremona kkaguna ferita hafifa fuq daru kif iccertifika Dr Joe Tonna liema ferita kienet ta' natura hafifa.

PS 85 kien gie infurmat minn Doris Pace, nurse gewwa il-facilita Korrettiva ta' Kordin li Cremona kellu xi feriti u kien qed jigi medikat mit-tabib gewwa l- MI room.

Clayton Cremona, l-appellant gie mitkellem mis-surgent u gie nutat li kellu xi grif '*abrasions*' fuq idejh it-tnejn li huma. Dawn setghu gew kagunati meta gie '*handcuffed*' kif ukoll kellu girfa fuq ghonqu. Cremona kien ghamel *complaint* li kienet intuzat xi forza fuq il-persuna tieghu li kien gie insulentat minn CO 25. Dan gie ezaminat minn Dr Joe Tonna li iccertifika li kellu feriti ta' natura hafifa.

Ix-xhud spjega li huwa sar jaf minghand is-surgent b'dan l-incident l-ghada li sehh u cioe nhar il-11 ta' Lulju, 2010 u kien qallu ukoll li l-feriti li ssubixxa Cremona kienu kompatibbli ma dawk imsemmija fir-rapport tal-membri tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

In segwitu jghid li kien ircieva zewg kwereli ghan nom tal-appellant minn Dr Mark Refalo datati 16 ta' lulju u 20 ta' Lulju 2010. F'dawn l-kwereli Cremona allega li kie gie imsawwat u li kienet intuzat xi tortura fuqu mill-ufficcjali CO 25, CO 150 u CO 180 kif ukoll mill-Maggur Dennis Cassar. Huwa minnufih a bazi ta' dawn l-allegazzjonijiet kien informa lid-Direttur tal-Habs u cioe lis-Supretendent Abraham Zammit u dan minhabba li kien hemm xi footages fid-Divizjoni 12 u 13. Gie infurmat ukoll li r-rcorders tac-CCTV's ma jaqbdux images *real time* f'dik id-divizjoni. Dawn ir-*recordings* ghandhom *purging system* ta' *six days time frame.*

Huwa kien investiga lil CO 25, CO 150 fit-3 ta' Awwissu, 2010. CO 25 Raymond Cutajar kien ghazel li ma jiehux l-assistenza legali u irrilaxja stqarrija nhar l-10 ta' lulju 2020 fejn kien stqarr li dakinhar tal-incident huwa kein xoghol wahdu gewwa id-Divizjoni 13.

Ix-xhud ikompli jghid li ghall-habta tat-3.00 nnota l-prigunier Elton Brincat u l-appellant jigru wara xulxin. Elton gera ghac-cella tieghu u ta' Kevin Borg u l-apellant gera warajh. Maghhom f'din ic-cella dahlu ukoll Alfred Bugeja mgharuf bhala il Porpolina u Janis Caruana. Is-sur Cutajar kien ghajjat ghal *back up* bir-radio ghall-kollegi tieghu. Il-Maggur Dennis Casssar, CO 150 u CO 180 u ufficcjali ohra waslu hdejh.

Maggur Dennis tkellem ma Elton u dan kellu *eye injury* pero kien stqar li ma kien gara xejn u Maggur Dennis kien iddecida li jkellem lill-appellant fil-Guard room. L-appellant ma kienx kooperattiv, gie ordnat jidhol fic-cella u irrifjuta li jigi immanetjat u ghalhekk kellha tintuza l-forza sabiex l-appellant jiddahhal fic-cella numru 36. CO

25 Raymond Cutajar u CO 180 Mario Ellul qabdulu idejh u dan irresistihom. Meta dahluh fic-cella Clayton hedded lil CO 25 Raymond Cutajar li joqtlu u anke tah daqqa fuq daru. CO 150 Leli Cassar u Maggur Dennis intervjenew biex izommu lil Clayton kalm. L-ufficcjali poggew lill-appellant wiccu l-isfel fuq sodda, immanetjawh fuq wara u haduh lura fil-guard room. Hawnhekk il-prigunier imsemmi ittihdet mill-ewwel fil-MI room mill SRT. Waqt l-interrogatorju CO 25 Raymond Cutajar stqarr li fl-ebda hin ma hedded jew sawwat xi prigunier.

CO Leli Cassar kien gie investigat ukoll minnu u fit-3 ta' Awwissu, 2010 u stqar li nhar l-10 ta' Lulju ,2010 kien duty fid-Division 11 u l-kollega tieghu CO 25 Raymond Cutajar ghajjat lil Maggur Dennis ghal *back up*. Mill-monitor tac- CCTV minn fejn kien mill-Guard room dehru xi priguniera jigru f'Divizjoni 13 u l-kollegi tieghu CO 170 Stephen Camilleri, CO 92 Ivan Bugeja kif ukoll CO 180 Mario Ellul pprocedew ghal Division 13 biex jghinu lil CO 25 Raymond Cutajar. Kif waslu fid-Divizjoni sabu lill-appellant u lil prigunier Elton separati mill-priguneira l-ohra. Elton gie mtikellem fil-guard room u qal li kellu argument ma Clayton u kelhom xi jghidu bejniethom pero ma qalx fuq xhiex. Qal li kellhom incident bejniethom ghaliex kienu qed ighiru ghal xulxin. Huwa gie mitlub jghamel rapport lill-pulizja izda irrifjuta.

Meta Clayton gie mitkellem fil-guard room mill-Maggur Dennis dan beda jidghi, jinsulenta lill-ufficcjali u rrifjuta li jidhol gewwa ic-cella u f'xi hin qabad ir-railing tal hadid b'idejh u CO 180 u CO 25 kellhom ipogguh idejh l-isfel. CO Cassar qabdu minn wara biex idahlu fic-cella u bil-forza minima u irnexxilu idahluh fic-cella. Hemmhekk Clayton ha daqqa u ipprova jghati bis-sieq lill ufficcjali li kienu przenti fic-cella. Hemmhekk l-appellant gie mmanetjat u mehud fl MI room mill SRT biex jigi medikat. Waqt li kien sejjer l-appellant baqa' jghati bis-sieq u jipprova jaqla' il-manetti minn idejh. Ic- CO 180 Mario Ellul nnega li giet uzata xi forza estensiva fuqu u kien cert li l-appellant kien taha daqqa lic-CO 25 Raymond Cutajar intenzjonalment minn wara daru meta kien fic-cella u mhux accidentalment.

Huwa staqsa lis CO Cassar ghaliex hass l- htiega li jimmanetjaw lill-appellant dan qal li l -Maggur Dennis tahom din l-ordni u li mxew skond il-procedura sabiex wara li jigi ezaminat fl MI room jiehduh fid-Division 6.

Fl-4 ta' Awwissu, 2010 investiga lil Maggur Dennis Cassar u CO 180 Mario Ellul. Maggur Dennis qallu li kien ilu impjgat il-habs ghal dawn l-ahhar sbatax-il sena u li kien jaf lill-appellant ghaliex kien ilu diehel u hiereg mill-habs. Fl-10 ta' lulju, 2010 kien duty f'Division 11 u CO 25 Raymond Cutajar infurmah li kellu argument bejn priguniera f'Divizjoni 13 u li -zewg priguniera Clayton Cremona u Elton Brincat kienu involuti f'dan l-incident. Qal li dan ordna lil CO 170 Stephen kif ukoll lil CO 150 u lil CO 180 biex jakkompanjawh biex jassisutu lil CO 25 Raymond Cutajar. Fil-Guard room kien kellem lil Elton. Dan kellu daqqa f'ghajnejh u qallu li kellu argument ma Elton u ma ridx imur fl MI room u lanqas ma ried jghamel rapport u ma ried jinforma lil hadd u ma riedx jghid x'kien gara bejniethom.

Hawnhekk il-Maggur Dennis baghat ghall-appellant u dan beda jidghi u jghid li ser ikompli idahhal id-droga fil-habs maqful u mhux. Jigifieri dan baqa' jghid li xorta wahda kien ser itihom it-trouble bid-droga. Hawnhekk il-Maggur Dennis ta ordni minhabba dan il-kliem li Clayton jigi maqful fic-cella u l-appellant baqa' jitkellem hazin jidghi u ikun aggressiv. Qabad ir-railing tal-hadid fid-Division u CO 25 u CO 180 illokjawlu idejgh u dahluh fic-cella. L-apellant ma kienx ko operattiv, ipprova jghati bis-sieq lil dawn l-ufficcjali imbaghad dahluh fic-cella u hawnhekk ta daqqa allegatament dik id- daqqa li ta lil CO 25 Raymond Cutajar tahielu fuq daru. Maggur Dennis fissirlu kif l-appellant tahielu u wara ra id-demm hiereg minn daru. Prezenti waqt dan l-incident kien hemm CO 180, CO 150 u CO 170. Maggur Dennis ta' ordni biex l-appellant jigi mmanettjat impoggi fuq sodda wiccu l-isfel u mmanetjat u mehud lejn il- guard room biex jigi handled lil SRT. Hawnhekk gie moghddi lil SRT James Vella. Maggur Dennis innega li f'xi mument hu u l-kollegi tieghu sawtu jew insolentaw lil Clayton. Maggur Dennis spjegalu li atitudni tieghu kienet wahda fejn l-appellant kellu jigi *handcuffed* u trasferit lejn Division 6. Dik hija l-procedura li ghandhon fil-habs. Maggur Dennis hawnhekk spjega li jekk fil-kaz hemm ic- CCTV li jindika dak kollu li sehh dakinhar tal-10 ta' Lulju, 2010.

CO 180 Mario Ellul gie ukoll mitkellem u dan qal il l-appellant hu mgahruf bhala *trouble maker* f'dik id-Division gewwa l Facilita Korrettiva ta' Kordin. Stqarr li kien duty fid Division 11 u kien akkompanja lil Maggur Dennis u xi ufficcjali ohra ghaliex kellhom *wake up call* mid-Division 13. Dan spjega li Clayton kien aggreessiv hafna meta mitkellem mill-Maggur Dennis u Beda jitkellem hazin u jidghi . Imbaghad huwa

fimkien ma CO 25 qabduh u telghewlu idejh fuq wara u dan beda itihon bis-sieq u pprova jaqla l-manetti l-hin kollu minn idejgh. Dawn l-ufficcjali kollha assistew lil xulxin u l-appellant dahluh fic-cella. Waqt li kien fic-cella CO 180 Mario Ellul jghid li l-appellant beda jhedded lil CO 25 Raymond Cutajar kif ujolll tah daqqa fuq daru u hebb ghalih. Hawnhekk huma qabduh u poggewh wiccu l-isfel u mmanetjawh biex jevitaw li iweggahhom.

Fil-5 ta' Awwissu, 2010 ghall-habta tal-4.15p.m kellem lil Clayton gewwa l- habs u dan irrilaxja stqarrija wara li kien ikkonsulta ma Dr Mark Refalo qabel l-interrogatorju. Dan stqarr li ghall-habta tat-3.00p.m meta Maggur Dennis baghat ghalih fil Guard room stqasih jekk kellux xi jgid ma xi hadd, l-appellant insulentah. Jghid li l Maggur qallu l-kliem '*jien irrid insakrek lilek ghax kjien nikmanda daqs misierek hawn*'. L-appelant jghid li dak il-hin probabilment l-ufficcjal isspraja xi *pepper spray* f'ghajnejgh. Allega li l-ufficcjal Co Leli Cassar u Maggur Dennis u CO 180 Mario Ellul baqghu barra ic-cella. Stqarr li s- surgent Raymond beda jghawwiglu idejgh huwa u sejjer lejn il guard room Qal ukoll li l ufficcjal Leli Cassar tah daqqa fuq wiccu meta kien immanetjat fic-cella u l-Ufficjal CO 25 Raymond Cutajar tah diversi daqqiet ta' ponn fuq wiccu meta kien immanetjat fuq is-sodda . Qal li c-cella kienu mghaluqa meta l- ufficcjali keinu mieghu go fiha. L-appellant jichad li qatt offenda jew hedded xi ufficcjali jew li irresistahom. Huwa esebixxa certifikat mediku rilaxxjat minn Dr Joe Tonna markat bhala dok SZ1. Certifikat mediku iehor li gie markat bhala dok SZ2, stqarrija tal -appellant markata bhala dok SZ3, okkorenza dok SZ4, CD bhala dok SZ5 li tikkonsisti fil-feriti li kellu CO 25.

Mistoqsi in kontro esami jekk rax il-filmati tac- CCTV recordings jghid li l-ittra waslet xi ghaxart ijiem wara u ghalhekk ma kienx hemm recordings x' jigu ezaminati ghaliex dawn jinzammu ghall-perjodu ta' sitt ijeim biss. Ikkonferma li kien CO 25 li rraporta dan l-incident l-ghada li sehh u cioe nhar l-10 ta' Lulju, 2010. Mistoqsi ghaliex huwa ma hassx il-htiega li jibed il-filmati jghid li l-apellant ikun involut f'incidenti bhal dawn ta' sikwit u l-feriti li kellu kienu kompatibbli ma forza li intuzat biex l ufficcjali irnexxilhom idahluh fil-habs. Ikkonferma pero li huwa kien investiga lill-ufficcjali a bazi tal-ittra li kien ircieva mill-avukat difensur tal-appellant.

**ASCO Dennis Cassar** xehed nhar it-22 ta' Novembru, 2010 u spjega li nhar l-10 ta' Lulju 2010 fit-3.00p.m ircieva telefonata mid-Division 13 fejn gie infurmat minn C0 25

li kien hemm argument ghaddej bejn xi prigunieri. Huwa ghalhekk nizel f'din id-Division flimkiem ma xi ufficcjali ohra u sab lill-appellant jigri wara xi prigunieri ohra fosthom Elton Brincat li kellu ferita f'ghajnejh. Ipprova jara x'kien gara pero dan ma ridx jitkellem. Huwa offra li jakkompanja lil Elton Brincat fl- MI room izda ma riedx imur hemm. Huwa baghat ghall-appellant u dan mar bil-qmis miftuha. Kelmu bl-edukazzjoni u staqsih x'kien gara u dan wiegbu b'mod aggressiv. Kien fil-fatt aggressiv kemm fil-konfront tieghu kif ukoll fil-konfront ta' xi ufficcjali ohra. Beda anke jitkallem hazin. Ghalhekk ordna li jinqafel fic-cella tieghu. X'hin qal lill-ufficcjali biex idahluh fic-cella dan iggripja mal-hadid u ma riedx jidhol. Kellha tintuza forza minima '*to restrain him'biex* idahluh fic-cella. Wara li dahluh fic-cella u kien ser johrog 'l barra sema lill-appellant jghid lil C0 25 ' *Biex tkun taf dalghodu ghalik kont qed nghid.'*

X' hin dar ra id l-appellant nizla ghal fuq dar CO 25. Hemmhekk regew hatfuh middewh fuq is-sodda u immantjawh ghax ma ridx joqghod akkost ta' kollox. Imbagha nizlu tal- SRT u l-appellant gie trasferit ghal Division 6. Wara sar jaf li dak li kien qal kien fis-sens li appena johrog mill-habs joqtlu.

Mistoqsi ma min mar biex jghati il '*back up'* jghid li mieghu kien hemm C0 190, C0 170 u CO 150. Mistoqsi jispjega x'ried jghid bil-kelma 'aggressiv', ex admisses jghid "*Aggressiv ixejjer b'idejgh, jidghi, joffendina '* Mistoqsi x'ordni ta lill-appellant jghid li ordnalu jidhol fic-cella izda dan irrifjuta. Meta qallu li irid jinqafel wiegbu b'manejra pastaza. Jghid li offendihom bil-familja. Qal li l-appellant irresista li jitpoggewlu l-manetti biex jigi arrestat. Fuq dar C0 25 ra id-demm.

Mistoqsi jekk meta wasal fuq il-post kienx hemm biss Elton Brincat u l-appellant jghid li qalulu li kien hemm priguneira ohra involuti pero huwa ra lill-appellant biss. Jghid li kellhom juzaw forza minima ghaliex l-appellant qabad mal-hadid u ggripja mieghu u ghalhekk ma riedx jimxi wahdu .Il-manetti ghamluhomlu fuq wara waqt li kien fic-cella . Dak il-hin fic-cella kien hemm mieghu CO 25 u CO 180 Mario Ellul . Qal li huwa dejjem indirizzah b'ismu u fil-presenza tieghu ma kien hemm hadd li qallu xi haga ohra.

**CO 180 Mario Ellul** xehed nhar it-22 ta' Novembru, 2010[14] u qal li kien xoghol fid-Division 13 nhar l-10 ta' Lulju, 2010. Ghal habta tat-3.00p.m inqala' incident bejn l-

[14] Fol. 51

appellant u Elton Brincat. Maru fuq il-post u ghajtu lil Elton Brincat gol- gurd room staqsewh x'kien gara u qalilhom li kellu xi jghid ma l-appellant ghax jghiru ghal xulxin. Bhala ufficcjali mieghu dakinhar kien hemm Maggur Dennis, CO 25, CO 170 u CO150.

l-appellant beda jghidilhom li dejjem jibghatu ghalih u li huma imqabdin mieghu u li hu mghaffeg u li mghaffeg ser jibqa fid-drogi. Peress li kien arroganti l-Maggur talabhom jaqfluh. Dan beda jirresisti ma ridx jinqafel, offendihom u dahluh fic-cella. X'hin dahluh fic-cella dan CO 25 qallu '*dalghodu ghalik kont qed nghid'*. Pero x'kien gara aktar kmieni dak il-jum ma kienx jaf . Jikkonferma li l-appellant kien aggressiv hafna. Ipprovaw jimmanetjawh u irnexilhom u wara harguh mic-cella. Jghid li l-appellant kien arroganti hafna maghhom. Beda jgholli idejh u jghidilhom li kienu imqabdin mieghu. Ikkonferma li l-Maggur Dennis tah ordni biex jinqafel gewwwa u dan beda jirrifjuta u qabad il-hadid u qalilhom li ma kienux ser jaqfluh. Jaf li l-Maggur tah xi zewg jew tlett ordnijiet biex jinqafel. Beda joffendihom u jghid li '*din ma tieqafx hawn'* u wara dahluh fic-cella. Appena telquh dar fuq CO 25 b'aggressjoni u qalu li ' *jien dalghodu ghalik kont qqed nghid*' u kien ser itir ghal fuqu u zammewh.

Mistoqsi kif immantejawh jghid li nizluh fuq is-sodda zammewlu idejgh fuq wara. Immanetjawh wara li inexxilhom idahluh fic-cella. Huma u hergin innota li CO 25 kellu d-demm fuq daruu mal-qmis. Mistoqsi kif spicca mimdud l-appellant fuq is-sodda jghid li kienu CO 180, CO 150 u Co 170 li nizluh u dan ghaliex l-appellant baqa' jirresistihom.

Mistoqsi in kontro esami jekk kienx hemm meta inqala' l-incident jghid li le kien f'Division 11 izda meta wasal fuq il-post ra lil Elton Brincat u l-appellant jigru wara xulxin minn cella ghal go cella ohra. Jistqarr li hadd il-ufficcjali ma ha lill-appellant bil-herra.

**Co 25 Raymond Cutajar** xehed nhar l-24 ta' Jannar, 2011u kkonferma li nhar l-10 ta' Lulju, 2010 huwa kien xoghol fid-Division 13 u ra xi priguniera jikkongregaw u jingabru flimkien fejn it-tarag li jghati ghal fuq. Dak il-hin rra lill-appellant jimbotta lil Elton Brincat. Huwa ta l-allarm. Ra lil Elton Brincat tielgha ghal fuqu l-appellant jigri warajh. L-appellant dahal fic-cella ta' certu Yanis u Elton dahal warajh. Fil-pront ra lil Elton hiereg mic-cella rasu baxxut qisu qed jaqla xi daqqiet johrog jigri u l-appellant

jigri warajh. Elton naf li dhal fic-cella ta Kevin Borg. Ftit wara waslu l-ufficcjali. Il-Maggur staqsa x'kien gara u spjegalu dak li kien ra. Ghajjat lil Elton u l-Maggur Cassar staqsih x'kien gara. Dak il-hin induna li Elton kellu d-demm nizel minn ghajnejh u kellu l-abjad ta ghajnej ahmar. Pero Elton ma qal xejn anzi qal li kien dahal fil-hajt. Ghajjat lll-appellant u dan qallu li qed jaqbdu mieghu. Ra li l-appellant ma kienx sew kien hyperactive jirtod b'ghajnejh iccassati. Ik-Maggur staqsaih jekk kienx ha xi haga u dan wiegbu bi kliem oxxen *' jien niehu d-droga kont u niehu d-droga ha nkompli u jekk trid tkun taf illum hadt'*.. L-Maggur qallu *'la qed tghidli hekk jien ha naqflek illum.'* Huwa u Co 180 kienu hdejn il Maggur u talabhom jiehdu lill-appellant fic-ella tieghu. L-appellant b'ton oxxen qalilhom li ma jridx jinqafel u biex itafiha naqra qallu *' imxi issa nghalquk u tghaddi kollha din'*. Izda l-appellant kelmu hazin. Meta kien ser johrog dan qabad u ta s-salt qabad mar-railing tal- poggaman tad-Division. Huma kienu pronti u hatfuh minn idejh u ghamlulu *restraining* b'idejh fuq wara. Biex ma jhalluhx jissara biex itellghuh it-tarag u idahluh fic-cella numru 36. Kompla jtikellem hazin u jghid li meta johrog mill-habs kien ser joqtol lil xi hadd u dan b'referenza ghalih. Malli dar biex johrog hass daqqa fuq daru. Dan xejjer idejh. Jaf li spicca bid-demm f'daru ma jafx biex laqtu. Jaf pero li kellu daqqa fuq spaltu Fil-pront waslu tal- SRT u meddewh fuq is-sodda wiccu l-isel immanetjawh b'idejh wara din id-darba skond ir-regolamenti tal-habs. Haduh lejn il-kuritur lejn l-ufficcju taghhom.

Wara huwa mar l- MI room u gie invsitat minn Dr Joe Tonna u dan ccertifika li kellu daqqa b'xi oggett go daru. Huwa jghid li ghadda CD li tindika il-ferita li kellu fuq daru u l-qmis bid-demm. Huwa ghadda c-certifikat li tah Dr Tonna lill- pulizija. Spjega li ic-CD a fol. 40 markata bhal dok SZ5 saret mit-team tal-SRT bhala parti mill-investigation taghhom u fiha hemm ir-ritrtti tal-feriti li ssubixxa. Ikkonferma li d-dokument SZ1 a fol. 29 huwa c-certifikat mediku rilaxxjat minn Dr Joe Tonna li huwa ghadda lill-pulizija.

**Dr Joe Tonna** xehed nhar l-24 ta' Jannar, 2011 u stqarr li fl-10 ta' Lulju, 2010 kien xoghol il-habs u telgha hdejh l-ufficcjal CO 25 Raymond Cutajar u warajh telgha l-inmate Calyton Camilleri. Cutajar qallu li kien involut f'esercizzju ta' *retrainment* peress li wiehed mill-prigunieri kien qed jirresisti li jidhol fic-cella u kellhom bzonn idahluh fic-cella u f'dan il-mument sofra xi aggressjoni min naha tal-inmate. Jghid li l-feriti li kellu Cutjar ma kienux gravi. Dan kien qallu li wegga spallejh tal-lemin, kien

milqut fuq ghonqu u n-naha tal-lemin ta' daru u meta ezamianah kellu xi tbegil fuq in-naha tal-lemin ta' wara tal ispalla. Kellu girfa fuqha u l-muskolu ta' taht kien qed jugghu. Kellu bidu ta' tbengila fuq dik in-naha u kien tender hafna. L-injuries huma kompatibbli ma xi hadd li gie milqut waqt li kien qed izomm il-persuna. Jghid li kellu *scratch marks* u mhux xi ammont ta' demm. Mistoqsi jekk il-qmis kienitx imcapsa bid-demm jghid li ma jiftakarx.

L-inmate tah versjoni differenti u qallu li kien gie imsawwat mill-ufficcjal f'xi hin wara it-tlieta ta' wara nofs in-nhar. Allega li kien gie mahtuf minn ghonqu f'atttentat biex jigi fgat u li l-ufficcjali laqtuh b'xi daqqiet ta irkoppa f'daru. Qal li fuq ghonqu kellu feriti ta' bejn centimetru u hames centimetri kien hemm erba' marki linejari. Kellu ugiegh fl-ispallejn pero tbengil ma kienx hemm. Fuq l-wrist kien hemm bhal grif cirkulari fuq iz-zewg nahat fuq zaqqu kien hemm xi tbengila u beda jghid li kien migugh. Fuq daru lejn il-parti t'isfel kien hemm tlett tbengiliet tawwalin. Il-feriti kienu ta' natura hafifa u kompatibbli ma xi hadd li kien qed jigi mizmum u li jista jkun kien qed jirresisti. Jista' jkun li xi hadd tah xi daqqa. Fuq wiccu ma kellux feriti vizibbli. Qal li wara dan l-esami ma regax ra lill-appellant. Ikkonferma li meta kelmu dakinhar kellu certu rabja go fih ghax allega li kien gie imsawwat. fil-fatt ikkonferma li l-appellant kien semma bhala ufficcjal lil CO 25 Raymond Cutajar.

**PS 85 Cyril Butters** xehed u stqar li nhar l-10 ta' Lulju, 2010 kien stazzjonat l-ghassa tal-pulizja ta' Rahal Gdid u kien mar gwardjan CO 25 jirraporta li kien ghadu kif kellu argument ma habsi u cioe l-appellant. Dan spjega li l-appellant kien inghta ordni mil-maggur biex jidhol fic-cella u dan naqas li jaderixxi ruhu ma tali ordni. Eventwalment waqt li kienet qed tintuza l-forza minima biex idahluh fic-cella dan CO 25 sofra xi griehi u spicca bil-buttuni tal-qmis imqattghin. Huwa mar fuq il-post u kellem lill-appellant u dan cahad b'mod kategoriku dak li gie allegat fil-konfront tieghu. Qallu li kien l-ufficcjal li uza il-forza fuqu u hu ma kellu argument ma hadd. Muri id dok SZ5 jghid li dik hi l-okkorezna li kiteb hu stress u kkonferma l-kontenut taghha. Qal li l-appellant qallu li kien gie imsawwat pero ma dehrx imsawwat.

Fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2011 l-ufficcjal prosekutur esebixxa CD kontenenti sett ta' ritratti ta' CO 25 li giet markata bhal dok SZ6. Nhar is-16 ta' Marzu 2010 l-Ispettur Spiridione Zammit esebixxa sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appelli Kriminali fil-

konfront tal-appellant li giet markata bhala dok SZ8[15] u l-fedina penali tieghu li giet markata bhala dok SZ7[16].

**CO 150 Emmaneul Cassar** xehed nhar is-27 ta' Gunju, 2011[17] u dan spjega li nhar l-10 ta' Lulju 2010 bejn it-3.00pm u l-4.00p.m kien qieghed f' Division 11 mal-Maggur Dennis u zewg ufficcjali ohra. Gew infurmati li kellhom bzonn l-ghajnuna gewwa id-Division 13. Sakemm marru sabu att ta' movimenti priguniera dehlin fic-cella, ohrajn hergin minn cella u CO 02 qal lil Maggur biex jibghat ghal prigunier. Dan fil-fatt qalhom li ma kien gralu xejn minkejja li nnota li kellu xi erba' tikek fuq ghajnejh li kienu suwed u meta avvicinah induna li kienu bicciet tal frieket tal-plastic. Ordnalu inehhihom u hekk ghamel u ghaddihomlu. Iktar tard innota li l-abjad ta' ghajnejh kien ahmar. Regghu staqsewh x' kien gara u dan wiegeb ' *linsew kollox ghax ma gara xejn, jsut daqxejn ghira bejn iz-ewg prigunieri.'* Baqa' jinsisti u dan Elton svela li kellu xi jghid mal-appellant u dan qalilhom li l-appellant tah daqqa ta' ponn f'ghajnejh meta kienu fic-cella.

Huma talbu lill-appellant imur fil Guard room u staqsewh l-istess domanda x'kien gara u dan wegibhom l-istess kif qallhom Elton li kien hemm xi ghira bejn zewg priguniera. Il-Maggur ta ordni biex l-appellant jinqafel goc-cella sakemm huma jghamlu ir-rapport taghhom. Dak il-hin l-appellant beda joffendihom, ikellimhom hazin, jinsulenthom, jidghi b'Alla u bil-Madonna fost kliem oxxen iehor. Talbuh biex jieqaf u jimxi bil-mod lejn ic-cella u baqa' jirrifjuta u beda jitlobhom biex jghajtu l-SRT biex ikunu huma li jaqfluh. Huma ma riedux jimxu hekk u joqghodu ghal dak li jghid prigunier u ghalhekk huwa flimkien ma CO 180 u CO 125 qabduh u mexxewh quddiem il-priguniera kolllha biex idahluh fic-cella. Beda jghidilhom kliem pastazz u jghidilhom '*jien kont indahlilkom id-droga u ghadni indahhal, nibqa indahhal fil-habs, kont ghadni u nibqa niehu'* u immedjatament wara li inqal dan il-kliem harget l-ordni mill-Maggur biex jinqafel.. Dan uza il-forza biex ma jinqafilx. Qabdu minn daru b'idu catta u mexxih lejn id-Division. Qal li l-appellant xejjer bil-ponn u laqat lil CO 25 go daru u harget l-ordni biex jigi mmanetjat u jintbaghat lid-Division 6. Ma setghux jimmanetjawh ghaliex baqa' aggressiv. Wara ftit irnexxilhom jimmanetjawh b'idejh fuq wara. Harguh minn goc-cella sakemm waslu fil-Gurard room. Lahqu nizlu tal -

---
[15] Fol.100
[16] Fol.88
[17] Fol. 114

SRT u ghaddewh lilhom biex johduh fid-Division 6. Ikkonferma li aktar kmieni filghodu l-appellant kien ghadda rimarka waqt li kien hdejn it-treatment room u qal '*hawn wiehed irrid noqtlu'* izda ma semmiex nies pero meta kien fic-cella waqt li keinu qed jimmanetjaw hu svela li dawn il-kliem qalhom fil-konfront ta' CO 25 u qallu '*dalghodu ghalik kont qed nirreferi*.' l-Ordni biex jittiehed fic-cella harget ghaliex l-appellant kien aggressiv u insolenti hafna. Spjega ukoll fuq domanda tal-prosekuzzjoni li l-incident sehh fil-hin meta l-priguniera ikunu barra ic-cella. Dakinhar fid-Division kien hemm tnax- il priguneir u 36 cella bil-prigunerii ukoll.

Mistoqsi jispejga kif mexxew lill-appellant jghid li kien hemm zewg ufficcjali li qabduh minn idu u huwa zammu minn wara. Izda imbagahd ma ridx jimxi u beda jaqbad mal-hadid u kien ghalhekk li uzaw ftit forza biex jaqlawh minn mal-hadidu jibqghu mixjin bih. Meta immanetjawh kienu fic-cella numru 74 u dan minnu waqt li CO 180 u CO25 zammewh. Qal tant kien aggressiv li kellu marka fuq il-polz tieghu minhabba din l-aggressjoni ghax ma ridx il-manetti. Mistoqsi jekk dakinhar intuzax il-*pepper spray* jghid li le u zied jghid li dak jintuza meta ikun hemm xi rivoluzjoni f'Division bejn priguniera.

L-**Ispettur Joseph Mercieca** xehed nhar it-12 ta' Ottubru, 2011 u muri s-sentenza esebita fl-atti moghtija nhar l-24 ta' Settembru, 2008 ikkonferma li l-akkuzat f'dik is-sentenza huwa l-appellant odjern fejn huwa kien l-ufficcjal prosekutur.

L-**imputat Clayton Cremona** ghazel li ma jixhedx kif kellu kul dritt pero kien irrilaxxja stqarrija a tempo vergine tal-investigazzjoni u cioe nhar il-5 ta' Awwissu 2010[18]. Dan ikkonferma li kien residenti il-habs u kien ilu l-habs sentejn u xahrejn. Qal li dakinhar tal-10 ta' Lulju, 2010 kien baghat ghalih il-Maggur Dennis u staqsih jekk kienx laqat lil xi hadd u huwa wiegbu fin-negattiv Dak il-hin jghid li l-ufficcjal CO 25 Raymond Cutajar qallu li ried isakru ghax hemmhekk huwa jikmanda u beda joffendih bi kliem offensiv. Qallu li ma keinx ser jidhol fic-cella ghaliex ma kien ghamel xejn u jidhol meta ikun il-hin tieghu. Dak il-hin jghid li hargu gwardjani ohra. Qabdulu idu rewilu fuq wara. Kienu l- Maggur Dennis, u l-ufficcjali CO 25 Ramond Cutajar u CO Emmanuel Cassar li dahluh fic-cella numru 36. Qal li jahseb li dak il-hin l ufficcjal CO 25 Raymond Cutajar sprajalu f'ghajnejh u l-ufficcjali l-ohra ghamlulu l-manetti. Dak

---

[18] Dok SZ3 fol. 33

il-hin bid-daqqiet li qala' minghand l-ufficcjali Raymond Cutajar u Emmanuel Cassar beda jibki. Dak il-hin qalulu li kien ser jigi transferred ghal Divison 6 u harguh miccella u bdew jigbduh qisu caruta waqt li kien immanetjat b'idu fuq wara. Dak il-hin qal lill- ufficcjal Co 25 Raymond Cutajar li ' *il-qiegh ta' siqek qatt mhu ser ninzel inbushomlok. Serrah rasek.*' Jghid li wara li qal hekk l-ufficcjal qallu '*naqlaghhomlok idejk*' waqt li itih daqqiet f'daru. Qal li kien hemm ufficcjali ohra pero ma setax jarhom sew Jaf li spicca invistat mit-tabib Tonna u marru l-SRT u haduh fid-Divison 6.

Jichad li kellu xi jghid ma Elton Brincat dakinhar. Qal li meta l- Maggur ghajjatlu kien fid-Division 13 fil-kuritur fuq barra bhal shabu l-priguniera l-ohra. Pero l-Maggur Dennis kelmu gewwa l-Guardroom waqt li kien fil-kumpanija ma ufficcjali ohra fosthom Sir Raymond Cutajar , Sir Emanuel Cassar u x'aktarx Sir Stephen u meta staqsewh x'kien gara, qalilhom li kien illetika bhal zewgt ihbieb. Mistoqsi jekk qalx lill-ufficcjal li kien ha id-droga u li kien ser jibqa' johodha jghid li mhux minnu. Lanqas mhu veru li qabad il-hadid u beda jissara biex ma jdahluhx fic-cella. Lanqas ma hu veru li huwa hebb ghall ufficcjal CO 25 Raymond Cutajar u kkagunalu feriti fuq daru u spaltu. Mistoqsi jispjega kif l-ufficcjal Co 25 Raymond Cutajar spicca ferut jghid li ma jafx. Qal li jaf zgur hu li hu spicca ferut kif konfermat mic-certfikat mediku li ghandu f'idejh rilaxxjat minn Dr. Tonna. Jghid li kienu l-ufficcjal CO 25 Raymond li tah daqqiet waqt li kienu fic-cella u l- ufficcjal Cassar zammu minn ghonqu waqt li kien immanetjat b'idu fuq wara. Qal li Sir Valhmor ta' l-SRT beda jghidilhom biex iholluh u jghamlulu l-manetti fuq quddiem. Is-swat sar fic-ella bil-bieb maghluq.

**Kevin Borg** prodott in difesa xehed nhar id-29 ta' Novembru, 2018. Ix-xhud stqarr li lill-appellant ma jafux hafna pero ghamel xi zmien residenti il-habs fl-istess zmien meta kien hemm l-appellant u dan gewwa id-Division 13 fis-sena 2011. Mistoqsi jekk jiftakarx l-incident li kien sehh seba' snin qabel fis-sena 2010 jghid li jiftakru. Jghid li l-appellant keein qieghed immanetjat b'idejh fuq wara u madwaru kien hemm xi hames jew sitt ufficcjali li bdew igorruh ghal goc-cella u kien hemm minnhom li bdew ituh ukoll. Id-daqqiet kienu gejjin minn wara ghaliex wiccu kien ihares 'l quddiem lejn ic-cella. Mistoqsi jekk jafx ir-rguni ghaliex spicca immanetjat jghid li ma jafhiex ghax hu rah mmanetjat biss. Qal li ra lill-ufficcjali jimbutawh lejn ic-cella u ra xi ufficcjali ituh daqqiet bl-idejn u dan fuq daru. Lill- ufficcjal Ramond Cutajar rah jimbotta lill-

appellant pero min kienu l-ufficcjali l-ohra ma jiftakarx. Mistoqsi jekk kienx qed jissara jghid li *'mhux bilfors tissara jekk qed taqla' d-daqqiet'*

Illi ghalhekk mis-suespost jidher li l-appellant gab ruhu hazin mal-ufficcjali tal-habs meta l-Maggur Dennis Cassar ta ordni biex l-appellant jinqafel fi-cella teighu humru 36 u dan ma obdiex u irresista tali ordni.

Ikkunsidrat.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu fis-ens li l-ewwel Qrot ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u dan ghaliex l-ewwel Qorti irrimarkat li kienhemm zeg versjonijeit tal-akkadut. Dik motija mill-ufficcjali tal-habs li koll qalu kemm kien aggressiv l-appellant fl-agir tieghu meta l-Maggur Cassar ta ordni sabeix jigi imsakkar fic-cella u dik moghtija mill-appellant li jghid li hu mhux veru kien aggressiv izda huwa irreagixxa ghal agir vjoelnti tal-ufficcjali fil-konfront teighu. L-ufficcjaliilkoll jghidu kif effettivament l-appellant zamm la-hadid biex jirresisti li jitpogga fic-cella u kif issara. Waqt l l-appellant dan jichdu. Illi ghalhekk dak li ikkonkludiet l-ewwwel Qorti f'dan ir-rigward ucioe li kien hemm zewg versjonijeti kunfligenti dwar dak li sehh huwa minnu. Id-difiza iccitat sentenza nsotrana u cioe **__il-puliaijz vs Alfred Galea__** [19]li tghid li meta ikun hemm zewg versjonijiet kunflingenti dan ghandu iwassal ghal liberazzjoni pero daqstant iehor hemm sentenzi li jghidu li meta ikun hemm kunflitt mhux bilfors dan iwassal ghall-liberazzjoni. Meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioé jistghu jigru zewg affarijiet il-Gudikant ghandu jara jekk l-kaz tal-Prosekuzzjoni jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u fin-nuqqas BISS li l-Qorti ghandha tillibera. Jekkaddirittura l-gudikant ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **__Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef__**[20] fejn qalet hekk:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel.*

[19] Decizamill-Qorti tal-Appelloi Kriminali nhar is-7 ta Frar 2014
[20] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-2 ta' Frar 2012

*B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja.'*

Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** [21]il-Qorti qalet

> *"... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni talpersuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx"* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino**[22] ."(Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et**[23] , **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** [24], **Il-Pulizija vs.Mohammed Mansur Ali**[25], **Il- Pulizija vs. Mario Pace**[26] (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il- Pulizija vs. Hubert Gatt**[27].

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** [28], il-Qorti irriteniet is-segwenti:

> *"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrieh fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz tal- Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija millArtikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

[21] Mghotija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003,
[22] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-19 t' Ottubru 2006.
[23] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2012
[24] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2012
[25] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl- fl-24 ta' Jannar 2013
[26] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-6 ta' Frar 2013.
[27] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil- 31 ta' Ottubru 2013
[28] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-31 ta'Ottubru 2013

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad et** [29] fejn inghad is-segwenti:

> *"Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'l fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 ixxiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'.*
>
> *Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti millprovi diretti, pero' hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-Gudikant jaccerta ruhu li huma univoci'.*

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Lee Borg**[30], fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioé mhux ambigwi.

Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi lakkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ippruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

---

[29] Moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid- 19 ta' Mejju 2014

[30] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil</u>**[31]*:*

> *"Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".*

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

Illi m'hemmx dubju li l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin ghalkemm inghad sa minn dan l-istadju bikri tas-sentenza jidher li l-ufficcjali tal-pulizija li ukoll gew investigati a tempo vegine tal-investigazzjoni baqghu konsistenti fil-verzjoni tal-fatti taghhom sa meta irreletaw dak i sehhlill-ispettur Spiridione Zammit waqt l-investigazzjonit a dan il-kaz sakemm xehdu quddiem din l-Qorti viva voce zmien wara l-incident. Waqt li l-anumiu tal-appellant u cioe lijkun disrispettuz lejn l-ufficcjalli jirrizulta anke minn qari tal-istatement tieghu

Illi ghalhekk kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala Gudikant il-Qorti ghandha tqies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru taxxhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. […]

**Akkuzi**

Fl-ewwel lok l-appellant gie akkuzat bir-reat kif dispost fl-artikolu 95 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta. L-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja, it-theddid jew l-offiza fil-konfront ta'l-ufficjal pubbliku. Issa din l-ingurja, theddida jew offiza trid issir jew (1)filwaqt illi l-ufficjal pubbliku ikun qed jaghmel servizz pubbliku

(2)jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku,

---

[31] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961

(3)jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-oltragg fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta dan l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja, it-theddida jew l-offiza tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita.

L-awturi **Cheveau et Helie**, li isemmi il-**Professur Mamo** fin-notamenti tieghu, ighidu:

> *"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Illi ghalhekk l-element materjal ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Amante Camilleri**[32], inghad s-segwenti:

> *"Kif gie ritenut mill-Qorti Kriminali … fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Emmanuele Cassar, deciza fit-12 ta' Dicembru, 1936 (Kollez. Deciz. Vol. XXIX.IV.593), biex ikun hemm id-delitt ta' oltragg hemm bzonn li l-kliem denunzjati bhala igurjuzi jkunu nghadu lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficjal pubbliku, u li jkunu nghadu officio durante vel contemplatione officii.*

[32] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru 1997,

*Rekwizit iehor huwa li l-kliem jigu pprofferiti fil-presenza ta' l-ufficjal in kwistjoni, ossia de visu, ghax altrimenti ma jkunx hemm ir-reat ta' oltragg izda dak ta' ingurja komuni. Inoltre hemm bzonn li l-kliem (jew gesti, kitba, disinji, ecc.) jkunu fil-fatt ingurjuzi, kif ukoll hemm bzonn l-element formali li jikkonsisti fl-intenzjoni li wiehed joffendi ufficjal pubbliku".*

Illi fil-kaz in esami jirrizulta l il-appellant qal lill-CO 25 li jrid joqtlu una volta johrog mill-habs u bhekk zgur li tali kliem jammontaw ghat-theddida u dan id-diskors sar fil-presenza tieghu. L-ufficcjali l-ohra li kienu fic-cella ma l-appellant u CO 25 kkonfermaw li dan id-diskors intqal.

L-appellant fir-rikors tal-appell tieghu jghid li l-ufficcjali ma keinx konsistnti f'dak li qalu. Naturalment din il-Qorit ma tippretendix li l-ufficcjali jirrepetu bl-ezatt dak li jkun stqarr l-ewwel ufficcjalkif del resto isehh f'certu affidavits li tara hi. Izda dawn xehdu b'mod viva voce f'jiem diffrenti u kollha spjegaw u ddeskrivew dak li raw huma. Naturalment mhux bi precisjoni izda ilkoll kkonermaw l-istess fatt u cioe li l-appellant ingurja u hedded lil CO 25.

Jinghad pero li din l-akkzua ma hiex limtiata fir-rigward ta insulti u theddid li saru fil-konfront ta' CO 25 Raymond Cutajar biss izda fil-konfront ta' CO 150 Emanuel Cassar, ASCO Dennis Cassar , CO 180 Mario Ellul u CO 170 Stepehen Camilleri. CO 150 Emmanuel Cassar fix-xhieda teighu l-Qorti viva voce jghid 'dak il-hin l-appellant beda joffendihom, ikellimhom hazin, jinsulenthom, jidghi b'Alla u bil-Madonna fost kliem oxxen iehor.' ASCO Maggur Dennis Cassar jghid li l-appellant kien aggressoiv hafna maghhom. Mistoqsi jispjega x'ried jghid bil-kelma 'aggressiv', ex admisses jghid "*Aggressiv ixejjer b'idejgh, jidghi, joffendina.'* CO 180 Mario Ellul fix-xhieda tieghu jghid li l-appellant kien aggressive u beda jgholli idejgh maghhom, beda joffendihom u jghid li '*din ma tieqafx hawn'.* (Dak il-hin fic-cella kienu CO 25, CO150 CO 180 u l-Maggur Cassar).

Ghalhekk zgur li din it-tieni akkuza tirrizulta provata fil-konfornt ta' CO 25 Raymond Cuitajar CO 150 Emanuel Cassar, ASCO Dennis Cassar , CO 180 Mario

Ellul izda mhux fil-konfront ta' CO 170 Stepehen Camilleri li fl-ebda hin ma isemma fil-proceduri.

Fit-0tieni lok, fir-rigward tat-tielet akkuza jinghad li l-appellant gie akkzuat bir-reat kif dspost fl-artikolu 221 tal-kodici kriminali . Illi l-prosekuzzjoni akkzuat lill-appellant li kkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' CO 25 Raymond Cutajar kif iccertifikat minn Dr Joe Tonna. Illi Dr Joseph Tonna ikkofnera li fl-10 ta Lulju 2010 kien ezamina lil CO 25 u dan gewwa il-habs ghal habta tal-5.00p.m. Jghid li l-feriti li kellu Cutjar ma kienux gravi. Jikkonfemra li Cutajar kien qallu li wegga spallejh tal-lemin, kien milqut fuq ghonqu u n-naha tal-lemin ta' daru u meta ezamianah kellu xi tbegil fuq in-naha tal-lemin ta' wara tal ispalla. Kellu girfa fuqha u l-muskolu ta' taht kien qed jugghu. Kellu bidu ta' tbengila fuq dik in-naha u kien tender hafna. L-injuries huma kompatibbli ma xi hadd li gie milqut waqt li kien qed izomm il-persuna. Jghid li kellu *scratch marks* u mhux xi ammont ta' demm. Meta l-appellant gie msitqosi kif CP 25 spicca ferut jghid li ma jafx kif. Mentri CO 25 jghid li meta kien hiereg mic-cella bl-appellant hass xi haga f'daru u dak il hin dar u ra lill-appellant ixejjer idu u spicca bid-dem fuq daru. Ghalhekk din l-akkuza kif tajjeb iddecidiet ukoll l-ewwel Qorti tirrizulta provata.

Fit-tielet lok fir-rigward tar-raba akkuza u cioe dik kontravenzjonali kif kontemplata fl-artikolu 339 ( 1) (d) u cioe li hebb ghal persuna ta CO25 Raymond Cutajar l-ewwel Qorti sabitu hati. F'dan ir-rigward pero din il-Qorti tissoleva ex ufficio li din l-akkuza hija preskritta ai termini tal-artikolu 688(f) tal-kodici Kriminali . Jingha dli l-allegat incident sehh nhar l-10 ta Lulju 2010 u l-akkzuat l-ewwel darba li kein akkuzat bl-akkuza kien seduta stante nhar l-11 ta' Ottubru 2010 ( vide fol 17 ) u ghalhekk wara it-trapass ta tlett xhur.Konsegwenetment kuntrarjament ghal dak li gie deicz mill-ewwel Qorti , din l-Qorti qed tatjeni milli tiehu konjizzjoni ta tali akkuza.

Il-Qorti giet mitluba sabeix tapplika l-artikolu 33A tal-kodici Kriminali f'kaz ta sejbien ta htija u stante li din il-Qorti qed tikkonferma htija fir-rigward ta l-ewwel tlett akkuzi. Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti

*33A. (1) Meta jsir xi reat minn persuna waqt li tkun priġunier il-piena għal dak ir-reat fil-każ ta' sejbien ta' ħtija għandha tiżdied bi grad jew tnejn u d-disposizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A u tal-Att dwar il-Probation ma għandhomx japplikaw.*

Dwar il-piena ir-rikorrenti isostni fir-rikors tal-appell tieghu li l-ewwel Qorti kienet eccessiva fl-ghoti tal-piena inflitta u l-appellant iccita numru ta' sentenzi fejn din il-Qorti bidlet il-piena inflitta mill-ewwel Qorti ghar-ragunijeti imsemmija fl-sitess sentenzi citati minnu.

Illi fl-ewwel lok, din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-piena inflitta hlief jekk din ma tkunx fil-parametri tal-ligi jew jekk tkun sproporzjonata u manifestament eccessiva fic-cirkostanzi. Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Miruzzi) vs Anthony Zarb'** [33]:

'Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil- parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**[34] , **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[35] u ohrajn.)'

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija Vs Joseph Azzopardi** [36]: il-Qorti kkunsidrat li;-

'*Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, il-principju regolatur hu li din il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax u tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena sakemm din ma tkunx wahda li tohrog mill-parametri tal- ligi jew tkun manifestament eccessiva.*'

Illi l-artikolu 142(1) tal- Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:

---

[33] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' April, 2007 (Appell kriminali numru: 78/2007)
[34] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali ( sede superjuri) fl-14 ta' Gunju, 1999
[35]Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali ( sede superjuri) fl-24 ta' April, 2003
[36] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar -10 ta' Dicembru, 2009 (Appell Kriminali numru: 400/2009)

(a) the punishment of offenders

(b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence)

(c) the reform and rehabilitation of offenders

(d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.

Illi allura min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna ikkundannata izda ghandu jara illi ihares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u s-socjeta in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma talhati, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel.

Illi f'dan il-kaz ghalhekk il-Qorti ghandha taghti l-harsien lill-pubbliku in generali u dan ghaliex billi l-appellantjidher li ma tghallimx mill-fatt li diga jinsab il-habs jiskonta sentenza ta prigunerija. Tant li rega kkometta reati u din id-darba fil-konfini tal-habs stess. Ikkometta reati kommessi lejn ufficcjalipubblici waqt il-qadi ta dmirijeithom u ghalhekk l-Qorit ma tarax raguni valida ghaliex ghandha tiddisturba l-piena impsota. Zgur li tezisti l-biza rejali ta' repetizzjoni tal-offizi u dan kif tixhed il-fedina penali tieghu konsistenti f'himstax-il faccata ta' convictions' ta kul xorta u dam meta l-appellant ghad ghandu 36 sena. Jirrizulta ukoll minn esami ta din l-fedina penali esebita a fol. 175 li l-appellant instab hati ta' reati ohra li sehhew waqt l-andament ta din l-istess kawza.

Kwindi din il-Qorti ma tara l-ebda mottiv li jista' igieghlha titbieghed mill-piena erogata mill-Ewwel Qorti li taqa' fil-parametri tal-ligi.

Ghalhekk din il-Qorti qeda tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni u t-tielet akkuza fir-rigward tal-ufficjali kollha salv u b'eccezzjoni fil-konfront ta' CO 170 Stephen Camilleri minn liema akkuza tilliberah, qeda tirreovka dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu hati tar-raba' akkuza u minflok tiddikajra li qed tastjeni mili tiehu konjizjoni taghha stante li l-azzjoni hija preskritta u tikkonfermaha fir-rigward tal-hames akkuza fejn astjeniet li tiehu kunjizzjoni taghha stante li din l-akkzua giet kancellata mill-kodici penali u dan in ommagg tal-principju

'*nullum crimen sine lege*', qeda tikkonfermaha fir-rigward ta' l-ewwel u tas-sitt akkuza fejn iddikajrat li ma kienitx qed issibu hati taghhom u konsegwentement illiberatu minnhom.

Il-Qorti qed tikkonferma li l-appellant ghandu jinsab hati li huwa recidiv kif ddikjarat l-ewwel Qorti.

Qeda tikonferma il-piena imposta mill-ewwel Qorti ta' sitt xhur prigunerija stante li tali piena taqa' fil-parametru tal-ligi.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur